# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-26 ta' Mejju, 2016.**

**Rikors Numru 541/2010 SM**

***Trader Marine Yacht Services Limited***
**(C – 12599)**

**vs.**

***Crusader International Limited***
**(C – 29835)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-27 ta' Mejju, 2010, li permezz tieghu r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi giet inkarigata mis-socjeta` konvenuta biex tiehu hsieb il-*cabin cruiser* hemm indikat, (ara foll 1), u biex

tixtri l-ekwipaggjament necessarju u thallas l-irmigg dovut u l-immagazzinagg, tixtri magna, batteriji, bicciet ta' magni u thallas ghal xogholijiet tal-elettriku, (ara foll 3 sa 5);

1.2. Illi s-socjeta` intimata hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf u hamsa u hamsin Ewro u sitt centezmi, (€28,055.06);

1.3. Illi l-istess socjeta` intimata giet debitament interpellata, anke b'ittra ufficjali datata t-30 ta' Settembru, 2009, biex thallas l-istess fatturi, izda baqghet inadempjenti;

1.4. Illi ghaldaqstant aderiet din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din m'ghandiex:

1.4.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf u hamsa u hamsin Ewro u sitt centezmi, (€28,055.06), rapprezentanti l-ammont dovut skont il-fatturi fuq indikati;

1.4.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata biex thallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti;

1.4.3. Bl-imghax legali kontra s-socjeta` intimata;

1.4.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra s-socjeta` intimata;

2.0. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` intimata datata l-1 ta' Lulju, 2010, li permezz taghha r-rapprezentant tal-istess sintetikament espona s-segwenti;

2.1. Illi preliminarjament ir-rikors guramentat promotur hu null *stante* li ma giex guramentat minn rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti;

2.2. Illi t-talba tas-socjeta` rikorrenti hi preskritta *ai termini* tal-artiklu 2148 tal-Kodici Civili;

2.3. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta` rikorrenti mhux dovut *stante* li din is-socjeta` dahket bis-socjeta` intimata meta assigurata li d-dghajsa *French Kiss* kienet tajba meta xtratha in permuta meta bieghet id-dghajsa l-ohra bl-isem *MY Is There* lis-socjeta` intimata;

2.4. Illi jekk jirrizultaw difetti f'din id-dghajsa, l-ispejjez ghandha taghmel tajjeb ghalihom is-socjeta` rikorrenti;

2.5. Illi s-socjeta` rikorrenti thallset il-kummissjoni dovuta ghal dan il-bejgh;

2.6. Illi m'ghandiex tbati l-ispejjez tal-magazzinagg *stante* li ma tat l-ebda struzzjonijiet li d-dghajsa kellha tigi magazzinata ghand it-*Technopark;*

2.7. Illi kienet is-socjeta` rikorrenti li ghamlet id-dghajsa taghha, u immagazzinat l-istess ghand it-*Technopark*;

2.8. Illi mhux minnu li s-socjeta` rikorrenti giet inkarigata biex tiehu hsieb il-*cabin cruiser MY French Kiss* u l-*cabin cruiser MY Is There*;

2.9. Illi s-socjeta` rikorrenti bieghet il-*cabin cruiser MY Is There*, liema bejgh sar parti bi flus kontanti u parti bil-*cabin cruiser MY French Kiss*;

2.10. Illi s-socjeta` rikorrenti assikurat lil dik intimata li d-dghajsa hi tajba u li kienet facli tinbiegh;

2.11. Illi l-inkarigu moghti mis-socjeta` intimata lil dik rikorrenti kien li tbiegh id-dghajsa;

2.12. Illi minflok irrizulta li d-dghajsa kellha hafna hsarat;

2.13. Illi konsegwentement, hadd ma jrid jixtri l-istess dghajsa;

2.14. Illi ghalhekk, is-socjeta` intimata m'ghandha taghti xejn lis-socjeta` rikorrenti;

2.15. Illi minflok, hi s-socjeta` rikorrenti li ghandha taghti lis-socjeta` intimata;

2.16. Salv risposti ulterjuri;

2.17. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti;

3.0. Rat il-kontro-talba tas-socjeta` intimata annessa mal-istess rikors guramentat promotur li permezz tieghu sintetikament esponiet is-segwenti:

3.1. Illi inkarigat lis-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata biex tbeghla d-dghajsa *MY Is There* qabel ma hi tixtri d-dghajsa *Sunseeker Manhattan* 66 bl-isem *Is There II*;

3.2. Illi l-partijiet ftehmu li d-dghajsa *Sunseeker Manhattan* indikata fil-paragrafu precedenti kellha tkun lesta sa Mejju, 2006, u li qabel ma tasal id-dghajsa *de quo* kellha tinbiegh id-dghajsa *MY Is There*;

3.3. Illi s-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata sabet il-bejgh tad-dghajsa *MY Is There*;

3.4. Illi l-bejgh indikat fil-paragrafu precedenti sar parti fi flus kontanti u parti bi tpartit tad-dghajsa *French Kiss*;

3.5. Illi s-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata assigurat lis-socjeta` intimata li d-dghajsa indikata fil-paragrafu precedenti kienet tajba ghall-bahar, li kienet valutata fl-ammont ta' 40,000.00 Lira Sterlina, u li kienet anke thallset il-*commission*;

3.6. Illi rrizulta li s-*Sunseeker Manhattan* 66 damet ma' kienet lesta;

3.7. Illi s-socjeta` intimata ghamlet hafna spejjez u tilfet hafna prenotazzjonijiet;

3.8. Illi d-danni riskontrati fis-*Sunseeker de quo* kienu jikkonsistu fi hsarat, f'xoghol mhux lest, u fi spejjez biex sewwiet il-hsarat involuti, f'telf ta' xoghol *stante* li kellhom jithassru diversi prenotazzjonijiet, u dan, minhabba n-negligenza u traskuragni tas-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata;

3.9. Illi d-dghajsa fornita ma kienitx tal-kwalita` pattwita;

3.10. Illi s-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata kienet assikurat lis-socjeta` intimata rikonvenzjonanti li d-dghajsa *de quo* hi tajba u minghajr difetti meta fil-fatt zviluppawla diversi difetti li s-socjeta` rikorrenti tippretendi li ghandha taghmel ghalihom is-socjeta` intimata;

3.11. Illi *nonostante* li interpellata biex taghmel tajjeb ghad-danni fuq indikati, s-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata baqghet inadempjenti;

3.12. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti fil-kwalita` taghha ta' socjeta` rikonvenzjonanti biex is-socjeta` intimata rikorrenti rikonvenzjonata tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

3.12.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata sofriet danni minhabba l-agir tal-istess socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata;

3.12.2. Tillikwida s-somma dovuta lis-socjeta` intimata rikonvenzjonanti, okkorrendo bin-nomina ta' perit;

3.12.3. Tikkundanna lis-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata thallas lis-socjeta` intimata rikonvenzjonanti l-ammont hekk likwidat;

3.12.4. Bl-ispejjez u bl-imghax legali minn Mejju, 2006, kontra s-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata;

4.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-12 ta' Lulju, 2010, li permezz taghha s-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata sintetikament issottomettiet is-segwenti:

4.1. Illi t-talbiet tas-socjeta` intimata rikonvenzjonanti ghandhom jigu respinti *stante*:

4.1.1. Illi l-ftehim allegat mis-socjeta` intimata li d-dghajsa *de quo* kellha tkun lesta sa Mejju, 2006, mhux minnu;

4.1.2. Illi mhux minnu li thallset xi kummissjoni mat-trasferiment tad-dghajsa *MY Is There*;

4.1.3. Illi kwalsiasi dewmien fit-tlestija tas-*Sunseeker de quo* sehh unikament tort tas-socjeta` intimata;

4.1.4. Illi mhux minnu li d-dghajsa *MY Is There* kienet intiza ghac-*chartering*;

4.1.5. Illi tirrespingi l-allegazzjonijiet rigwardanti danni sofferti mis-socjeta` intimata rigwardanti d-dghajsa *French Kiss*;

4.2. Salv risposti rikonvenzjonati ulterjuri;

5. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat id-9 ta' Frar, 2011, li permezz tieghu nnominat lill-espert tekniku hemm indikat biex jassistiha, (ara foll 34);

6. Rat id-digriet taghha datat iz-17 t'Ottubru, 2011, (ara foll 100 u 103), li permezz tieghu awtorizzat lill-istess espert tekniku minnha nominat biex jikkonduci access ulterjuri ghall-finijiet hemm indikati, (ara foll 112);

7. Rat is-sentenza preliminari datata t-3 ta' Mejju, 2012, li permezz taghha ddikjarat li t-talbiet tas-socjeta` huma preskritti *ai termini* hemm indikati, (ara foll 115);

8. Rat id-digriet taghha datat l-4 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikata, (ara foll 319);

9. Rat id-digriet taghha datat it-18 ta' Gunju, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentant legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-terminu hemm indikat, (ara foll 321), u kif sussegwentement estiza, (ara foll 340);

10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata datata t-30 t'Ottubru, 2015, (ara foll 335), flimkien ma' dik tas-socjeta` intimata rikonvenzjonanti;

11. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

12. Semghet ix-xhieda prodotta;

13. Semghet ukoll it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentant legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

14. Illi a bazi tas-sentenza preliminari datata t-3 ta' Mejju, 2012, id-decizjoni odjerna hi issa limitata ghall-epurazzjoni tal-kontro-talba sollevata mis-socjeta` intimata rikonvenzjonanti, (ara foll 121);

Ikkunsidrat:

15.0. Illi fir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

15.1. Illi s-socjeta` intimata rikonvenzjonanti inkarigat lis-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata biex bhala sensar, (*"broker"*), tbieghhilha d-dghajsa *MY Is There*;

15.2. Illi effettivament il-bejgh tad-dghajsa imsemmija fil-paragrafu precedenti gie konkluz fl-24 ta' Mejju, 2006, ghall-prezz ta' Lm120,000.00, (ara foll 242);

15.3. Illi l-pagament dovut sar:

15.3.1. In parti bi flus kontanti, (ara foll 242);

15.3.2. In parti bi tpartit tad-dghajsa *French Kiss*, (ara foll 271);

15.4. Illi s-socjeta` intimata xtrat ukoll id-dghajsa *MY Is There II* minghand is-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi rigward il-hsarat riskontrati fid-dghajsa *MY Is There II*, dghajsa *Sunseeker Manhattan* 66 u rigward ir-riparazzjonijiet rezi hekk necessarji, a bazi tal-elenku tax-xogholijiet involuti, (ara foll 237), jinghad sintetikament is-segwenti:

16.1. Illi din kellha diversi problemi – effettivament, aktar minn mitt (100) difett li kienu jinnecessitaw intervent tekniku, (ara foll 200);

16.2. Illi whud mid-difetti riskontrati kienu koperti b'garanzija, (ara foll 222 u 237);

16.3. Illi difetti ohrajn ma jirrizultawx li kienu hekk koperti, (ara foll 223);

Ikkunsidrat:

**A. Hsarat u Spejjez Allegati fid-dghajsa *MY Is There II*:**

17. Illi s-socjeta` intimata rikonvenzjonanti tilmenta li s-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata m'effettwatx ir-riparazzjonijiet li kellhom isiru skont l-obbligu li kellha bhala sensar, (*broker*), (ara foll 199);

18. Illi rizultat tal-istess issosstni li kellha tirrikorri ghand is-socjeta` *Sunseeker International*, (ara foll 202);

19. Illi l-magna trangat u ngiebet tajba ghall-uzu marittimu intiz, biss fl-24 ta' Gunju, 2007, aktar minn sena wara li nxtrat, (ara paragrafu numru hmistax punt tnejn, (15.2.), aktar qabel, u ara foll 202);

20. Illi finalment, ix-xogholijiet kollha rezi necessarji tlestew f'nofs Dicembru, 2007, (ara foll 203);

Ikkunsidrat:

21. Illi rigward ix-xogholijiet mhux koperti mill-garanzija dawn jirrizulta li gew imhallsa mis-socjeta` intimata rikonvenzjonanti u deskritti bhala *"hard costs"*, mill-istess rapprezentanti tal-istess socjeta`, (ara foll 202);

22. Illi *nonostante* dan, ma jirrizulta li ngiebu l-ebda ricevuti tal-pagamenti effettwati mis-socjeta` intimata rikonvenzjonanti;

23. Illi konsegwentement ghandu jirrizulta pacifiku li l-prova li nhargu flejjes mill-patrimonju tas-socjeta` intimata

rikonvenzjonanti ghal dawn ix-xogholijiet hekk rezi necessarji, ghalkemm allegati, pero` ma gewx pruvati;

Ikkunsidrat:

**B. Telf ta' Xoghol Allegat:**

24. Illi ghalkemm ir-rapprezentanti tas-socjeta` intimata rikonvenzjonanti tallega li kellha diversi kirjiet, *"charters"*, li konsegwentement kellha tikkancellhom minhabba li d-dghajsa in dizamina kienet ghat-tiswija, il-prova legali fir-rigward ma ingabitx;

Ikkunsidrat:

25. Illi f'dan ir-rigward jittrijonfa suprem il-principju li:

*"onus incumbit ei qui dixit"*

26. Illi ghalkemm l-istess socjeta` intimata rikonvenzjonanti pprezentat prospett b'diversi testati li fihom telenka l-ammonti minnha riklamati, l-istess elenku mhux sostanzjat mill-ircevuti fir-rigward, (ara foll 211);

27. Illi ghalhekk l-istess prospett jirrizulta li hu inutili;

28. Illi sussegwentement, l-istess rapprezentant tas-socjeta` intimata rikonvenzjonanti tipprezenta prospett iehor rigwardanti x-xoghol ta' *"charter"* ta' yottijiet, (ara foll 202 (paragrafu numru 27 u 212);

29. Illi ghal darb' ohra tali dokument jikkonsisti biss f'allegazzjoni u bl-ebda mod, minnu innifsu, ma jista` jigi meqjus bhala wiehed li jikkonsisti fi prova legalment valida u vinkolanti tal-ammonti pretizi mill-istess socjeta` intimata rikonvenzjonanti ghall-allegati danni f'telf ta' *"chartering"* tad-dghajsa *de quo*;

Ikkunsidrat:

30. Illi ghandu jigi sottolineat ukoll li minn ezami tad-dokumentazzjoni u xhieda prodotta ma jirrizultax ipprovat li l-kontendenti kellhom xi ftehim rigwardanti meta x-xogholijiet fuq id-dghajsa *de quo* kellhom jigu konkluzi;

31. Illi l-istess rapprezentanti tas-socjeta` intimata rikonvenzjonanti ssostni li r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata kien jaf bil-pjanijiet taghha li tuza d-dghajsa fil-bidu tal-2007, (ara foll 199);

32. Illi pero`, l-istess bhal qabel tali allegazzjoni tal-istess rapprezentanti tas-socjeta` intimata rikonvenzjonanti ma tirrizultax suffragata minn atti oggettivament riskontrabbli pprezentati fil-process odjern u ghalhekk jibqghu xejn aktar minn allegazzjonijiet;

Ikkunsidrat:

**C. Hsarat fid-dghajsa *French Kiss*:**

33.0. Illi f'dan ir-rigward is-socjeta` intimata rikonvenzjonanti ssossstni s-segwenti:

33.1. Illi qeghda wkoll titlob danni fir-rigward tad-dghajsa bl-isem *French Kiss*;

33.2. Illi d-danni rikjamati huma mitluba *stante* li s-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata allegatament zgurat lis-socjeta` intimata *de quo* li d-dghajsa riferita fil-paragrafu precedenti kienet tajba meta fil-fatt zviluppat diversi difetti fosthom li l-magna kienet kompletament skadenti, (ara foll 204);

33.3. Illi s-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata ssostni li din l-azzjoni hekk inizzjata in kontro-talba hi preskritta *ai termini* tal-artiklu 1431 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, (ara foll 18), *stante* li s-socjeta` intimata mhiex titlob ir-rexxisjoni tal-bejgh, izda d-danni;

33.4. Illi r-rapprezentanti estera tas-socjeta` intimata ssostni li ma kienitx rat id-dghajsa in dizamina qabel ma xtratha fil-2006, (ara foll 203), kif jirrizulta mill-*Bill of Sale*, (ara foll 241);

33.5. Illi jirrizulta wkoll li l-istess rapprezentanti indikata fil-paragrafu precedenti xtrat l-istess dghajsa wara li din giet offruta lilha mir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 203), u kienet assikurata li "...saru s-*"sea trials"* u kollox kien sew*",* (ara foll 138);

33.6. Illi l-imsemmi rapprezentant tas-socjeta` intimata informat lill-imsemmija kontro-parti li kienet taf id-dghajsa sew personalment tant li hi stess ma hadet l-ebda *survey* meta l-istess rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti mar jara d-dghajsa imsemmija, (ara foll 138 u 203);

33.7. Illi pero` r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti jsostni li ma thallset l-ebda *"commission"* fir-rigward, (ara foll 138);

33.8. Illi ghandu jkun pacifiku li tali atitudini kavallereska tilledi l-principju tal-*caveat emptor* li jiddetta li xerrej ghandu d-dover li jezamina l-oggett li ser jixtri;

33.9. Illi wara kollox, l-ammoniment ghaqli t'Orazju li:

> "caveat emptor: laudat venales qui vult extrudere merces"

ghadu validu llum ukoll;

33.10. Illi r-rapprezentanti tas-socjeta` intimata kienet stabbiliiet il-valur tad-dghajsa in dizamina fl-2006 f'dak ta' 40,000 Lira Sterlina, (ara paragrafu numru tlieta punt hamsa, (3.5.) aktar qabel u foll 203);

33.11. Illi skont il-perit tekniku nominat fl-atti odjerni il-valur tal-istess dghajsa:

33.10.1. L-ewwel stabbilieh fl-ammont ta' €28,500.00, (ara foll 49), u dan, fl-2011;

33.10.2. Illi sussegwentement, fl-2013 l-istess perit tekniku vvaluta l-istess dghajsa fl-ammont ta' €25,000.00, (ara foll 155);

33.10.3. Illi *di piu`*, l-istess perit tekniku vvaluta l-istess dghajsa fl-ammont ta' bejn €40,000.00 u €45,000.00, (ara foll 145);

33.12. Illi meta wiehed ipparaguna l-medja tal-valutazzjonijiet fuq indikati ma' dik moghtija mir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti, (ara paragrafu numru tlieta punt hamsa, (3.5.), aktar qabel), jasal ghall-konkluzjoni li bejn wiehed u iehor il-valutazzjonijiet hekk espressi jikkombacjaw ma' xulxin;

33.13. Illi jirrizulta wkoll li d-dghajsa in dizamina ttiehdet mill-Port il-Kbir u giet immagazzinata mir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti, u b'dan, ir-rapprezentanti tas-socjeta` intimata ma jirrizultax li kienet infurmata;

33.14. Illi l-istess rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti isostni li sakemm id-dghajsa kienet immagazzinata kien isirilha manutenzjoni b'mod regolari, (ara foll 316), u kien imur jarha diversi drabi, (ara foll 139);

33.15. Illi pero`, meta s-socjeta` intimata waqfet il-pagamenti minnha dovuti ghall-istess immagazzinagg, il-manutenzjoni in dizamina giet terminata (ara foll 316);

33.16. Illi sussegwentement is-socjeta` intimata kienet formalment infurmata b'dan, u anke bil-fatt li allura s-socjeta` rikorrenti kienet tqis li ma kienitx ghada aktar responsabbli ghall-istess dghajsa, (ara foll 316);

33.17. Illi rizultat tas-suespost id-dghajsa in dizamina jirrizulta li kellha hsarat ammontanti ghal €15,000.00;

33.18. Illi *nonostante* dan, in vista tal-esoneru ufficjali fuq riferit, (ara paragrafu numru tlieta u tletin punt hmistax, (33.15.) aktar qabel), is-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata ma tistax tinzamm responsabbli ghall-istess;

**DECIDE:**

34.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti ma tqisx li s-socjeta` intimata rikonvenzjonanti pprovat il-kontro-talbiet taghha, u konsegwentement:

34.1. Filwaqt li takkolji l-kontro-risposti tas-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata;

34.2. Tirrespingi l-kontro-talbiet tas-socjeta` intimata rikonvenzjonanti;

34.3. Illi in vista tas-sentenza preliminari precedenti datata t-3 ta' Mejju, 2012, l-ispejjez jibqghu bla taxxa.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**